# Filigrana

INTERVISTA MINN MARIO GAUCI, ELENA MUSCAT

INTERVISTA MA’ PROF MRO DION BUHAGIAR

TUL TA’ ĦIN: TLIETA U ĦAMSIN MINUTA U TMINTAX-IL SEKONDA

DATA TAL-INTERVISTA: 19 TA’ SETTEMBRU, 2024

POST: L-ARKIVJU TAL-KATIDRAL, IMDINA

Illum, id-dsatax ta' Settembru, elfejn u tnejn u għoxrin, Mario Gauci u Elena Muscat qiegħdin ma' Prof. Mro. Dion Buhagiar ġewwa l-Arkivju tal-Katidral, f'isem il-proġett Filigrana għall-Arkivji tal-Kapitlu Metropolitan ta' Malta.

Mario Gauci: Dion Buhagiar, imwieled is-Siggiewi lejn it-tmiem it-Tieni Gwerra Dinija. Kif kienet tfulitek dak iż-żmien tant diffiċli għal Malta u x'tifkiriet għandek fir-raħal u l-ambjent ta' madwarek ta' tfulija fis-Siggiewi?

Dion Buhagiar: Fi tmiem *erm* tat-Tieni Gwerra *nineteen forty four*, il-Gwerra kienet għadha ma spiċċatx, għaliex il-Gwerra spiċċat fin-*ninteen forty-five* meta Hitler u l-mara tiegħu u l-Ġermaniżi kollha kienu unconditionally spiċċaw. Malta kienet borġ ġebel, faqar, nuqqas ta' ikel, infrastrutura xejn. Issa jiena kont għadni żgħir ħafna pero, il-ħajja *on the whole*, il-familji kienu kbar, kulħadd jipprova jagħmel li jista biex it-tfal, il-familji, jrabbihom kif jista, jitmawhom. Missieri niftakar kien sfortunatament inqabad bil-lieva u kellu xorti li baqa' ħaj, dik hi waħda mit-tifkirit illi għandi bħala tifel tal-Gwerra għax kien fuq kanun li jisparaw fuq l-ajruplani Ġermaniżi. Infatti, darba minnhom inbiddel ix-*shift*, niftakar tiegħu, u wara ma nafx kemm-xi siegħat il-kanun li kien fuqu hu, ġie ajruplan Ġermaniż xi *Masserschmitt* jew *Stuka,* kienu jgħidulhom, u tajjar il-kanun bis-suldati b'kollox. Jiġifieri ħelisha *for a few minutes*. Dak kien waħda mil-istejjer li naf. Pero waħda u nsemmi daqshekk fuq il-Gwerra esaċċ illi niftakar tat-twerwir kienet, kienet messet lili. Kienet-kien għadu ż-żmien li per eżempju jekk inti tmur ħdejn xelters, kien hawn ix-xelters dak iż-żmien, u wiehed minn dawn ix-xelters li niftakar kien fil-ġnien ta' fejn kienet toqgħod ommi u anke missieri, u n-nanna tiegħi u ħut ommi u meta jisimgħu xi ajruplani ġejjin kienu jinżlu ġo fih. Dawn kienu xi snin, għaddew xi snin wara, kelli forsi xi ħames snin jien u allura wara l-Gwerra, u kont immur nilgħab fejn ix-xelter niftakar qed inqalleb ġol-ħamrija hekk, u taf x'insib? *Live ammunition*. Taf x'jiġifieri? *Bullets* daqshekk li kienu jisparaw l-ajruplani Ġermaniżi huma u nieżlin għaliex kienu jimmirraw dan ix-xelter, kien eżattament għal fuq l-*airport* ta' Ħal-Luqa biex jisparaw għal fuq l-ajruplani, fuq l-Ingliżi eċċettera. U biċċiet milli kienu, l-*ammunition* li kienu jisparaw ma kienx jieħu, kien jaqa'. U nsib minnhom hemm gozz, sbieħ kienu għadni niftakar il-kulur tagħhom, ramm aħmar u isfar eh! U jien dawn ġbarthom għaliex kienu interessanti għalija jien dawn u ħadthom id-dar u poġġejthom ġol-bagalja jien dawn. U xħin ġie mix-xogħol missieri niftakar mar jaqbad il-bagalja, u l-bagalja ħassha tqila. Qal xil-marelli hawn, mela it-tifel għandu kotba tqal, kont għadni żgħir jien ma jistax jkun li kelli kotba tqal jien, u jiftaħha u jsib dawn il-bullets. *Live ammunition*. Hu kien jaf x'jiġifieri dak minjaf kemm għaddew minn fuq il-kanun, minn fuq rashom meta jkunu għaddejjin l-ajruplani, dak twaħħax! Qalli dawn min fejn ġibthom? Għidtlu dawk sibthom quddiem ix-xelter jien fejn kontu tistkennu intom, għidtlu hemm sibthom fil-ħamrija. Qed ngħidlek kesaħ! Qabadhom qas messhom, qabad il-bagalja u niftakar jixħithom ġol-bir. Dik niftakar l-aħħar storja fuq il-Gwerra. *Jidħak* U li kieku ma kinitx dak l-episodu li nduna, jiena niftakar ziju ieħor tiegħi li kien lgħab ma wieħed minnhom dak, tarlu subgħajh, *juri lil intervistatur* subgħajja hawn għadhom jien bis-saħħa t'hekk!

MG: Dion, fejn ħadt l-edukazzjoni primarja u sekondarja tiegħek? U għaliex għażilt il-ħajja tas-Seminarju Maġġuri kważi kważi għall-bidu b'mod awtomatiku?

DB: Naħseb jiena, għażilt is-Seminarju bis-saħħa tal-Arċipriet li kien dak iż-żmien Dun Pawl Attard, illi kien iħabbrek ħafna fost iż-żagħżagħ jew it-tfal biex immorru s-Seminarju biex jsiru saċerdoti. U bis-saħħa tiegħu jiena, pero is-Seminarju kien waħda mill-iskejjel sekondarji tajbin ħafna għal Malta dak iż-żmien għall-edukazzjoni. Edukazzjoni fil-lingwi per eżempju bħal Grieg, Latin, Taljan, Geografija, Storja, Matematika semmi li trid. Għamilt il-primarja, l-iskola, is-sekondarja kollha s-Seminarju Minuri imbagħad u awtomatikament inti tagħzel jekk ma tridx tkomplix fil-Maġġuri u tidħol l-Universita. Ma kinitx għażla faċli għax għidt jew inkompli b'xi ħaġa oħra bħal tabib jew.. U għażilt li nkompli bħas-saċerdozju dejjem bl-inkorregiment ta' dan Dun Pawl Attard li moħħu kien biex jkollu saċerdoti għal ħajja pastorali fil-Knisja, għal Malta jiġifieri. U provajt jien insomma. Pero biż-żmien, wara tlett snin irrealizajt illi ma kinitx it-triq tiegħi u għażilt il-ħajja li, inkompli il-ħajja biex niżżewweġ u sintendi jiena kont diġa bdejt nistudja l-mużika. U l-mużika kont ġa dħalt sewwa fiha.

MG: Min kienu n-nies t'inspirazzjoni fil-kamp mużikali żagħżugħa tiegħek?

DB: Jiena minn meta kont abbati filfatt. Kont inkun fil-knisja nassisti fil-quddies meta nisma l-orgni jdoqq kont qisni nidħol f'dinja differenti. Jien ġieli niftakar każ meta kont inkun nassisti fil-quddiesa bl-impulluzzi, għax dak iż-żmien l-abbati kien jaħsel, jwaddab l-ilma biex il-qassis jaħsel idejh, niftakru Dun Ġużepp Aquilina kien jismu, u nisma "Dion!" u f'daqqa waħda, għax kien hemm l-orgni jdoqq u jien kont miluf u nsibu qiegħed jistennieni b'idejh hekk *juri l-intervistatur*. Jiġifieri jien kont nintilef assolutament xħin nisma' l-orgni. Dik kienet ġa xi ħaġa li lili nspiratni – l-orgni. Imbagħad sintendi dejjem komplejt, anke meta kont is-Seminarju, bdejt ma' Dun Karm li kien l-organista f'San Ġwann imbagħad meta dħalt is-Seminarju, komplejt ma' Patri Karm. Dejjem imma pero bil-limitazzjonijiet li huma kellhom. Għax kif dana tkellimna ġieli imbagħad sibt għaliex jiena kont imbagħad studjajt iktar mort Londra filfatt *so on and so forth*.

MG: Kemm kienet diffiċli allura, li tiddiparti mis-Seminarju u tħalli Malta biex tipprova issib aktar stabbilita f'pajjiżi oħrajn f'dal-każ tiegħek nafu illi mort il-Kanada, jiġifieri. Għaliex kienet daqshekk diffiċli, Malta kif kienet dak iż-żmien?

DB: Naħseb il-problema naħseb kienet l-impjieg. Jiena, kif taf Vivienne l-mara tiegħi, bdejt ngħallem fl-iskejjel dak iż-żmien, speċita ta' skola sekondarja. Il-mużika kienet ma tantx kienet tiġi mogħtija importanza u kont impjegat *part-time* u dik is-sistema qed ngħidu dak iż-żmien *early seventees* kont jekk timrad ma titħallasx, fil-holidays ma titħallasx. U inti allura, kemm jista jkun se taċċetta sitwazzjoni bħal dik u allura id-deċizjoni kienet illi Malta ma kienx hemm post għal min jrid issir mużiċista professjonali

meta inti potenzjal ma kienx hawn. Kont indoqq l-orgni fil-knsija, imma fil-knisja kien ikollok tieġ jew funeral imma daqshekk ma kienx biżżejjed.

MG: Allura?

DB: Id-deċizjoni kienet li temigra. Kellna min għamlilna tajjeb ngħidulha l-garanzija, jew imma hemm kelma oħra imma bħalissa ma tistax tiġini f'moħħi, li jkunu nies li jiġu mill-familja tiegħek, f'dal-każ mill-familja ta' Vivienne, iz-zijiet tagħha, jagħmlulek tajjeb biex inti tkun tista għax kienu stretti ħafna speċjalment il-Kanada. U dawn għamlulna tajjeb u mort hemm.

MG: Kont iżżewwiġt diġa Dion?

DB: Iva dażgur. Mela mela, dażgur

MG: Ftit wara ż-żwieġ jiġifieri.

DB: Mhm, xi sitt xhur wara Viv? Xi ħaġa hekk.

MG: U dana ngħidu fl-elf disa' mija ...

DB: *Seventy-three, seventy-four* xi ħaġa hekk. Issa inti, jiena kif mort, kif wasalna l-Kanada l-ħaġa interessanti kienet li inti hemmhekk jkollok *counsillor*. Jtuk *counsillor*. Tmur il-*Human Resource* kienu jgħidulhom u jiena din kienet anzjana niftakar għax huma jkollhom il-*file* tiegħek u jkollhom il-kwalifikazzjonijiet jew dak kollu li inti kont studjajt u kellhom għax huma qabel ma titlaq minn Malta jagħmlulek intervista, kont l-Universita, suġġetti li studjajt, il-mużika li studjajtu so on and so forth u d-diplomi li kelli. U din kellha kollox quddiemha u xħin ratni qaltli inti qaltli mhux xogħol irridek tagħmel. Inti trid tmur l-Universita. Għidtilha jien webbist rasi għidtilha jiena għax tant kemm kont frustrat bis-sitwazzjoni li kienet hawn Malta dak iż-żmien illi kont bil-ħsieb illi kienet l-istess sitwazzjoni hemmhekk li ma kinitx imbagħad insib filfatt. Anzi bil-kuntlarju! Imma webbist rasi u bdiet tibgħatni qaltli "Mela mur!". U jiena vera, fejn bagħtitli sibt li jien ma kontx addattat biex naħdem iebes. Għax jiena kont bniedem ta' studju. U wara li għamiltha xi tlett darbiet, it-tielet darba ħatfitni qaltli ara ma tiġilix xi darb'oħra hawn qaltli inti mur l-Universita u ma rridx narak aktar. Ċempilt l-Universita, qabbduni ma' professur tal-orgni *and the rest was history*. Għax dan sibtu wieħed mill-aqwa organisti illi kien hawn fid-dinja, għamilli audition...

MG: Kienet it-triq li ħa twasslek fejn wieħed evantwalment wasalt fil-karriera kollha tiegħek. Jiġifieri hemmhekk kienet il-bidu tal-formazzjonijiet tiegħek propja, akkademika,intensiva li ovvjament waslitlek għall-ewwel għal Masters u anke għad-Dottorat

DB: L-ewwel il-Baċċellerat imbagħad il-Baċċellerat fl-Edukazzjoni

MG: Kollha l-Kanada

DB: X'inhi?

MG: Kollha l-Kanada saru dawn

DB: Għaliex imbagħad ġejna fis-seventy nine. Imbagħad tlabt wara s-seventy nine riċerka b'scholarship tawni scholarship u erġajt mort u għamilt il-Masters. U fil-Masters l-aktar li speċjalizzajt fuq Azopardi għaliex l-interessanti kien, Mario, kien li kont qiegħed infittex suġġett għidt kif qiegħed hawn jien, hawnhekk hawn ħafna professuri tal-mużikoloġija għidt jistgħu jgħinuni f'dan, f'din il-materja. U nsib l-isem ta' Azopardi għidt ara dawn għandhom il-mużika ta' Azopardi hawn jien. U saqsejthom u huma sibt li għandhom jgħidulha *The Rare Book Room* fejn huma għandhom il-kotba rari msakkrin. Saqsejthom għalih u nsib the Musician Pratique li kien bil-Franċiż li kien għamlu, kien qalbu mit-Taljan għal Franċiż, Etienne Fra Marine xi ħaġa hekk, biex jistudjaw il-mużika, it-teorija mużikali, il-kompożizzjoni mużikali l-Franċiżi. U ħdimt fuqu dak jien.

MG: Allura, għaliex għażilt eżatt lil Francesco Azopardi parti s-suġġett prinċipali tal-istudju tiegħek illi eventwalment studjajtu fl-interita tiegħu u pubblikajtu anke riċentament wara li kont għamilt it-teżi tad-Dottorat u rrevedejt ix-xogħol u ppubblikajt fil-ktieb tiegħek li *launchjajt*.

DB: Għax jiena ħsibt, l-ewwelnett ridt, l-interes tiegħi kien li nqajjem interess f'kompożitur validu, Malti. Li kif naqbad ngħid, teknikament ma tantx kien studjat sew. Anzi, kont skoprejt li kien hawn min kien ippoġġih mal-Barokk. U Azopardi mhux Barokk! U jiena ridt nara għaliex Azopardi mhux Barokk. Għidt jiena irrid insib speċjalista, u l-ispeċjalisti kienu hemm fil-klassi. U fil-Masters kont għamilt, li hija din li inti m'għandekx kopja tagħha, din hija l-kopja tal-Masters (juriha fil-kamera) li fiha l-istudju, analiżi fid-dettal tal-Prattico, the Musician Pratique, pero skoprejt kont li l-ewwel m'għamilt jien kont sibt ħabib, kien student qed jistudja l-kompożizzjoni London Onotario fejn ont qed nagħmel l-istudju fuq din fejn sibt il-Musician Pratique u l-mara tiegħu għamlitli translation bl-Ingliż. Imbagħad skoprejt ukoll li kien hemm kopja bit-Taljan li minn fuqha Fra Marie, Pariġi kien ħadem minn fuq it-Taljan. Filfatt, kien hemm xi ftit inkonsistenzi fil-Franċiż tiegħu mit-Taljan ta' Azopardi. U jiena din sibtha l-Bibjoteka l-oriġinal tal-'*Musician Pratique*', '*Il Musico Prattico*' u jiena semmejtu '*Il Musico Prattico Primo*'.- *Later* imbagħad jien wara l-istudju li għamilt fuq Il Musico Prattico Primo illi huwa dan. Dan jismu hekk ara "The Musico Prattico by Francesco Azopardi 1748-1809: A Maltese theorist in the Italian tradition"; this is the title of the Masters thesis.

MG: U jġib id-data?

DB: *igemgem Nineteen eighty-eight*. Imbagħad eventwalment ġejt Malta wara iggradwajt fin-*nineteen eighty-eight* komplejt ngħallem l-Universita u sibt li Azopardi ma kienx kiteb biss Prattico Primo. Il-Bibjoteka sibt li kien kiteb it-tieni wieħed. Mela l-Primo kien *volume* wieħed. U t-tieni wieħed kien fih *four books*. Imbagħad hemmhekk għamilt l-analiżi tal-*Musico Prattico* li semmejtu *Musico Prattico Two* li huwa dak li għandek biż- żewġ volumi fejn dan il-ktieb huwa ġabra ta' dawk *juri l-pubblikazzjoni tiegħu*. U li fih imbagħad f'dal-ktieb jiena inkludejt l-analiżi dettaljata ta' waħda mill-kompożizzjonijiet imbagħad tiegħu quddiesa *ad due core*, li qiegħda hawn *juri l-ktieb*

MG: Ma skont inti x'inhuma l-opinjoni u l-professjoni tiegħek, x'inhuma l-merti ta' dan il-kompożitur Malti tal-aħħar tas-seklu tmintax?

DB: L-ewwelnett kif hu kellu ċertu understanding, il-kapaċita li bħal ma għamel Haydn u Mozart joħroġ l-essenza tal-espressjoni Klassika, il-kreativita klassika fil-mużika. Jekk inti tara l-mużika tiegħu, il-melodija, ir-ritmu, l-frażijiet per eżempju, l-orkestra kif jużaha. Tant kien kreattiv hu illi il... tiegħu tax-xogħlijiet li kien jiktibhom għal bidu għas-servizzi sagri issa ħalliha kien hemm il-mużika sekulari li ma tantx kienu daqshekk profondi bħas-sinfoniji, sonati, il-mużika interna u hekk. Imma, l-importanza li kien jagħti fil-mużika, l-importanza kreativa l-inġenwita fil-mużika hija xi ħaġa trmenda

MG: Għal Malta kien ġenju

DB: Biex tgħid kien ġenju..

MG: Għal Malta

DB: Għal Malta kien kapaċissimu, ġenju orrajt għidlu ġenju iwa. Kellu l-ġenju għall-melodija, għall-mużika klassika kif jorganizza t-temi, l-melodiji tiegħu kellu l-ġenju mela le, kellu bilfors

MG: U hu ħa l-formazzjoni tiegħu?

DB: Napli

MG: Mort Napli inti?

DB: Iwa iwa mort Napli. Hu filfatt kien Napli u meta kien għadu żgħir eh, kien irnexxielu jmur Napli u mar fl-aqwa wieħed mill-konservatori. Dak iż-żmien kien hemm erbgħa konservatorji li imbagħad biż-żmien spiċċaw u spiċċaw ġew f'konservatorju wieħed. Imma huwa mar Santo ??? u Santo ??? ...

MG: U l-mużika f'Napli dak iż-żmien kienet fl-aqwa tagħha?

DB: Kien hemm l-aqwa fl-konservatorji

MG: Waħda mill-iprem fl-Ewropa

DB: Fl-Ewropa iwa per eżempju u żgur. Kulħadd kien immur hemm. Issa inti meta ssemmi per eżempju wieħed mill-kompożituri illi skont Pullicino, Pawlu Pullicino li jiena semmejt f'din it-teżi. Pawlu Pullicino kien wieħed mill-Monsinjuri hawnhekk importanti kien bravu ħafna, kellu id-Dottorat kien qisu Charles Bernie. Charles Bernie kien jdur id-dinja, jistudja hawn, jaqra l'hinn u dan kien l-istess bħalu. Jgħid li Piccini kien jafu u kien jgħid li x'aktarx Azopardi studja ma' Piccini. Piccini kiteb mitt opra, mhux ċajta ta! Ara xi kreattivita di! U biex tistudja kompżitur bħal Piccini mhux ċajta ta għax biex jaċċettak aħseb u ara tistudja. U jgħid li dan Pawlu Pullicino, Dr Pullicino, kien jgħid li hu kellu ittri mingħand Piccini fejn hu jfaħħar lil Azopardi.

MG: Jiġifieri dan Azopardi kien ta' stoffa

DB: Ħafna

MG: Malta rat kompożitur ta' stoffa

DB: Ħafna, ħafna

MG: U inti rajt ħafna mix-xogħolijiet tiegħu, studjajt u analizajt u ...

DB: Semmejt dik il-quddiesa *ad duo cori* u u *duo orchestre* u semmejtha anke

MG: U din ġrat f' ġurnata daqsxejn stramba għal Malta hux hekk għax kienet ġurnata ta' maltemp kbir

DB: Dik kienet kbira dik il-performance apparti mill-maltempata. Il-maltempata ġrat hekk imma rrivonat l-udjenza ħa ngħidlek hekk

MG: Il-famuża maltempata ta' Ottubru tal-elf disgħa mija u wieħed u tmenin

DB: Imma l-isfortuna kienet li aħna ridna nagħmlu recording u ħija, kien hemm wieħed minn ħuti illum mejjet, iżgħar minni, tal-orkestra riedu, kont ser ngħid xi ħaġa oħra ma rridx ninsa issa, riedu jiċċargjawni aktar biex iħħalulna r-recording. U min kien qiegħed jikkmanda illi kien qabbdu Ugo Mifsud Bonnici, li kien qisu c-chairman tal-Kultura dak iż-żmien, bniedem stramb fl-opinjoni tiegħi, ma aċċettax u ma għamilnix recording u din ġiet mitlufa. Dan it-tape li qed nagħtikom jien ma nafx jekk hux hi u min ħadu. Anyway, imma kieku għandna video tagħha dik il-quddiesa. Pero li kont ser ngħid huwa li jiena waħda mill-affarijiet kbar li għandu Azopardi f'ismu u li tajnih video, mhux video, għandi s-CD tagħha, hija *Il Messa di Morti a Quattro Voci* ta' Azopardi. Dik kienet commissioned għal mewt tal-Imperatur Leopold the Second tal-Awstrija. Mhux għal Malta kienet dik jew għal Katidral! Din għal Imperatur kitibha! Ma qabbdux wieħed Taljan jiktibha. Qabdu lil Azopardi. Fiha stoffa mużikali kbira speċjalment fid??

MG: Smajtha kemm il-darba jiena.

DB: Illammi!

MG: Kapolavur ta' vera! Hija kapolavur

DB: Cantus Tremolo fiha l-orkestrazzjoni tagħha

MG: Jiġifieri dik miktubha mhux għal Katidral

DB: Għal Leopold. Issa jekk saret fil-Katidral...għamluha naħseb jiena għax huma kienu jiċċelebraw. Naħseb li saret fil-Katidral. M'għamiliex għal Leopold biex issir l-Awstrija imma kienet issir hawn

MG: It-twaqqif id-Department Mużikali fi ħdan l-Universita ta' Malta. Xi tgħidilna mill-memorja kollettiva tiegħek tul dawn is-snin twal li domt taħdem fid-Dipartiment, li ma kien hemm xejn

DB: Xejn! Vera ma kien hemm xejn. Li kien hemm huwa li l-Universita d-Dipartiment tal-Arti kien jagħti servizz mużikali lil studenti li riedu jsiru għalliema – *music educators*. U jiena kelli x'naqsam magħhom għax dħalt u bdejt b'hekk l-ewwel. Ngħallem l-armonija, kontropunt, education, musical education imma s'hemm konna naslu, music education mad-Dipartiment tal-Arti. Issa biż-żmien sar Peter rettur u Ugo Mifsud Bonnici sar Ministru tal-Edukazzjoni, jien *in the meantime* kont ngħallem l-*iSchool of Music* bil-faqar mużikali li kien hemm dak iż-żmien, fi żmien amministrazzjoni politika u Ugo Mifsud Bonnici ta' bniedem ta' kultura kbira li kien ried jagħmel xi ħaġa differenti. Lili bagħtni l-Universita biex nagħmlu dipartiment. Peter waqqaf il-Mediterranean Institute u fil-Mediterranean Institute, Peter għamel il-Music Studies Programme. U hemmhekk beda propja l-istudju mużikali fl-Universita.

MG: Kontu inti u?

DB: Jiena u Charles Camilleri

MG: U Charles Camilleri. Intom bdejtu

DB: Aħna bdejna

MG: U imbagħad Joe Vella daħal wara

DB: Vella kien għadu fl-Education għax dak kien jmexxi mal-iskejjel, jdur l-iskejjel u hekk. Imma jiena kont qiegħed, Charles kien ..

DB: Kelli diversi interessi fl-istudju li kont għamilt fid-degrees li kont għamilt, kemm f'Toronto u anke fl-University of Western Ontario kelli aktar esperjenza vasta fil-qasam

mużikali per eżempju. Jien niftakar kien hemm professur Toronto, Walter Buczynski kien ħabib ta' Charles, u kien kontemporanju għax Charles studja Toronto ukoll kien xi ħmistax-il sena qabli u kien kompożitur ukoll u kien qallu għax kien jgħallimni lili imbaghad Buczynski Walter, kien Russu, qallu Dion kapaċi pereżempju fit-tali u t-tali qasam. U mill-ewwel kif bdejna l-Music Studies Programm jien bdejt ngħallem f'dawk l-oqsma li dal- Professur Walter Buczynski, li kont tagħmel hekk biex tidħaqlek ta' jew biex itik A jew B ta' jiġifieri mhux ċajta. Allura jiena kelli dik l-esperjenza biex nagħmel programm. U għamilt

MG: Skema

DB: Lista ta' x'għandu jsir biex student jiggradwa propju fil-*Music Studies*.

MG: Jiġifieri inti fassalt

DB: Il-programm

MG: Il-programm

DB: Eżatt, b'hekk beda l-programm

MG: U dana qed ngħidu elf disgħa mija tmienja u tmenin, disgħa u tmenin, *ninety-nine*

DB: *After ninteen eighty-eight* ehe.

MG: X'kienet il-viżjoni tiegħek għax fiż-żmien kontemporanju, jew ftit wara inħtart bħala organista tal-Katidral, tal-Katidral u tal-Kon-Katidral u waqqaft il-*Collegium Musicum*. X'kienet il-viżjoni tiegħek? X'kien hemm qabel? Il-kor ta' San Ġwann kien jeżisti?

DB: Dik storja interessanti, qiegħda tidħak Vivienne! Mela, jiena l-ewwel fin-*nineteen seventy-nine* meta ġejt minn Toronto kien hemm bżonn ta' kor fit-Teatru Manoel. U riedu jagħmlu r-*Requiem* ta' Verdi u jiena applikajt biex insib *chorus master* tat-teatru Manoel. Jien kien hemm xi ħadd *soprano*, illum mietet, kienet *soprano* tajba kienet laħqet tkanta fl-Irjal meta, qabel il-Gwerra kien għadu l-Irjal biex tara kemm kienet tajba din, Mary Azzopardi minn tas-Sliema. U kienet qaltli wara li għallimtielhom jien il-Verdi taf kemm kien hawn min ipprova jgħallmuhielna qablek imma ma rnexxielhomx. Qaltli proset inti irnexxielek tgħallimna r-*Requiem* ta' Verdi! U taf min kien idderiġiha r-*Requiem* ta' Verdi kien imbagħad? Ġie d-direttur tas-Santa Cecilia, Ottavio Ziino ġo San Ġwann. Warajja, wara r-*Requiem* ta' Verdi li kont għamiltha Toronto ukoll għallimthom ir-*Requiem* ta' Brahms bil-Ġermaniż. Biex tkanta r-*Requiem* ta' Brahms aħseb u ara tkantaha bil-Ġermaniż! Għamluha ukoll! U hemmhekk bdiet il-kwistjoni tiegħi ma' min kien imexxi t-Teatru Manoel, ma noqgħodx insemmi min hu għax illum mejjet, il-Bambin jtih il-Ġenna. U fuqha rrezenjajt min hemm u għamilt il-kor tiegħi. Bir-riżenja tiegħi mill-kor tat-Teatru

Manoel, il-kor tal-Manoel kollha ġew miegħi u t-Teatru Manoel spiċċa imbagħad bil-kor. U twieled il-Collegium Musicum!

MG: Interessanti

DB: Dik hi l-istorja! U l-Collegium Musicum imabgħad bdejna nagħmlu, taf x'għamilna? Sibt il-kultura [Ministeru tal-Kultura] dan iż-żmien kien imexxi Trigona, il-Ministru tal-Kultura taf x'qed ngħid u l-assistent tiegħu kien Joe Attard miż-Żejtun illum mejjet. Imma pero kellhom interess kbir li jippronlugaw il-kultura, il-mużika speċjalment u kienu jisponsorjawli kważi tlett kunċerti kull sena. Issa x'kien l-iskop tagħhom, jekk kienx politiku għax kienu jafu x'kulur kont jew x'ma kontx.. pero jien imxejt.

MG: Sibt sostenn

DB: Il-kunċerti li bdejna nagħmlu fil-Milied, fl-*Easter* kollha sponsorjati mill-Kultura. Issa, ma rridx ninsa kont ser ngħid xi ħaġa oħra. Eh! Kunċerti oħra li għamilt bil-Collegium Musicum kien il-kunċerti tal-Ġermaniżi. Dan kien hemm aġent u kien iġġib gruppi tal-Ġermanżi mill-Ġermanja. Il-Ġermanja għandhom il-flus! U dan kellu..

MG: Nies kolti kienu jkunu

DB: Illmarelli użgur!

MG: Kienu jafu jisimgħu

DB: Kienu jafu xi jridu u jisimgħu! U li jridu kien jissuggerili hu x-xogħlijiet li jridu jisimgħu dawn. U konna nagħmlulhom il-Verdi, il-Mozart *Requiem* għamiltielhom sitt darbiet per eżempju! U ġo San Ġwann biss! Kien jikri lil San Ġwann dan! Jikri l-orkestra għal hemm, jħallas il-kor, jħallas is-solisti, kollox! Il-Ġermaniżi dawn. Għamiltilhom ħamsa u għoxrin kunċert dawk jien ma nafx kif għadni ħaj.

EM: Mela issa ser ngħaddu għat-tieni parti

DB: Ukoll

EM: Ta' din l-intervista. Issa ser nitkellmu ftit mill-kamp organarju kif ukoll Dion bħala Maestro di Cappella tal-Katidral tal-Imdina u tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Meta ġejt appuntat f'dawn il-pożizzjonijiet u xi tgħidilna dwar din l-esperjenza tiegħek?

DB: Hmm meta? Mela jiena propja, Elena, kont l-ewwel ġejt fis-*seventy-nine* kont għadni Toronto jien, kif ggradwajt eżatt tista ssaqsi lil Vivienne. Gradwajt u nirċievi ittra mingħand Patri Bert il-Maestro di Cappella qalli għandi bżonn organista għaliex Dun Karm Scerri kien xjaħ u kien marid. U dak kif qalli, għax kien jaf li jiena interessat fl-orgni kien jaf jien studjajt u qiegħed nistudja l-orgni sew u kont *lucky* li studjajt l-organi għand min studjajtu

l-Kanada, f'Toronto ma' Douglas Boldon insemmih illum, organista kbir Douglas Boldon! Mela li kien qalli li meta daqqejtlu qalli għandna ħafna x'nagħmlu! Avolja kont studjajt Londra jien ta' u kelli *diploma* li ħadd ma kellu hawn Malta, tar-*Royal College* ta' kont jiġifieri jien. U ġejt u bdejt bħala organista jien allura. U domt għax Patri Bert kompla bħala Maestro di Cappella, Dun Karm qisu donnu strejqer wara ftit, reġa' ġie lura *in the meantime* jien x'ser nagħmel, u bagħtuni l-Imdina, hawn, ġejt l-Imdina. Ma tantx dam imbagħad miskin, mar id-Dar tal-Kleru

MG: Min fejn kien?

DB: Ma fhimtekx

MG: Min fejn kien Dun Karm?

DB: Dun Karm minn Naxxar

MG Minn Naxxar

DB: Minn Naxxar, familja mużikali, missieru kien ukoll organista, Vitor kien jismu. Mar id-Dar tal-Kleru u jiena ġejt formalment imbagħad l-organista. Eventwalment darba minnhom wara xi snin organista u Patri Bert filfatt avolja bħala Maestro di Cappella kien jiġi San Ġwann fil-festi biss ta'. Jien kont immexxi kull nhar ta' Ħadd, filgħodu u figħaxija l-Vespri. Hu ma kienx jersaq l'hemm. Kien jiġi fil-festa ta' San Ġwann Battista, fl-Għid, Ħamis ix-Xirka sintendi, Ġimgħa l-Kbira u xi festi oħrajn ibqija ma kienx jersaq l'hemm għaliex hu kien jdoqq l-orgni Santu Wistin naħseb jien ma kienx jersaq l'hemm. Jiġifieri jiena bażikament xogħli il-biċċa l-kbira kien il-ħin kollu San Ġwann ħlief f'dawk il-festi. Mela darba x'ġara? Darba ġie għal Festa ta' San Ġwann, il-Monsinjuri dak iż-żmien mhux bħal-lum, illum ma nafx x'saru, imma kienu jiġu kollha libsin il-miti. U dan Patri Bert..

MG: Tiftakar il-Kapitlu l-antik inti! X'tiftakar? Semmi semmi xi ftit minnhom

DB: Kollha kienu isqfijiet! Imbagħad meta Mercieca neħħihom il-mita aktar kienu ħaduha bi kbira kienu!

MG: Monsinjur Xuereb, Monsinjur Lupi, Monsinjur Borg

DB: Lupi kien naqra qisu ħarufu imma l-oħrajn kien hemm minnhom iljuni ta! Eh mela! Allura kienu jiġu għal Festa ta' San Ġwann speċjalment f'dik il-festa ta' lejlietu, għat-Translazzjoni. U Patri Bert dakinhar ma kienx f'sikktu. Taf'għamel, int miskin? Ma ġab xejn miegħu! Il-kantanti la ġabilhom mużika, lili ma tani xejn biex indoqq u jien narah qisu skantat għidtlu xi ġralek Patri Bert jien fuq xiex ser indoqq? Doqq qalli! Għidtlu fuq xiex ser indoqq? *Anyway* x'għamilna ftaħna... sibna l-festa ta' San Ġwann Battista u f'għaxar minuti kulħadd telaq il-barra. X'insibu miskin? Illi għandi jkun, xi ħadd qalli, xi patri minn sħabu kellu xi *brain* xi ħaġa u daqshekk deher lejn San Ġwann Patri Bert. Spiċċa. Daħal

ftit, kif għidna l-ewwel Dun Ġwann Galea jmexxi ftit xi sena u ftit u għandi jkun l-affarjiet ma kienux sejrin tajjeb u rriżenja. U bqajt jien bħala organista daħħalt il-*Collegium* u bqajna jien imexxi l-*Collegium* fil-festi, fil-Ħdud, f'kollox.

MG: Kien jkollok iż-żewġ Katidrali imma nimmaġina. Kien jkollok iż-żewġ knejjes

DB: Hawnhekk konna niġu hawn billejl fil-Milied dejjem għaliex San Ġwann ma jsir xejn billejl. Imbagħad filgħodu, għaliex imbagħad hawnhekk kien jiġi hawn xi ħadd sekulari, xi ġuvnott, kellu xi żewġ kantanti kien jiġi hawn u kont immur San Ġwann. Ibqija ma kien jsir xejn bażikament hawnhekk

EM: Issa ngħaddu għad-donazzjoni illi inti għamiltilna tal-mużika kollha tiegħek. Kien ġest sabiħ illi Maestro di Capella fl-annali twal tal-attivita mużikali tal-Katidral, għoġbok tħalli din id-donazzjoni. X'ħajrek dwar dan?

DB: Il-preservazzjoni tar-repertorju għax inkella jekk jiena niġi nieqes per eżempju. Naf li jiena m'għandix dubju minn Vivienne illi tieħu ħsieb kieku imma dik il-mużika kollha li għandi għidt hawnhekk inkun naf, inkun ċert għadni ħaj kif qed naraw li tiġi f'idejn sodi, organizzattivi u dak huwa s-sodisfazzjon kbir tiegħi. Li għadni nista' naraha u mmissu b'idejja.

EM: Filfatt aħna u nikkatalogaw rajna xogħlijiet reliġjużi u sekulari. X'kienet l-inspirazzjonijiet tal-kompożizzjonijiet tiqgħek u semmi żewġ kompozizzjonijiet li qiegħdin għal qalbek.

DB: Il-kompożizzjonijiet li huma għal qalbi jien anqas naqbad ngħid emmini jekk nara per eżempju. Hawnhekk għandi l-lista jiena *jaħseb* anqas nista naqbad nagħżel għaliex kollha ktibthom kollha minn qalbi

MG: Imma jekk tgħid din għandha xi ħaġa speċjali

EM: Jew jkollok iddoqq waħda issa, ngħidlulek ħa nagħmlu *performance* waħda issa

DB: San Nikola ovvjament mis-Siġġiewi. Naħseb Kristu Sultan kienet waħda niftakar il-kappillan ta' Kristu Re li kien Dun Vinċenz ma nafx x'kunjomu kien, m'għadux hu

MG: Deguara

DB: Dun Vinċenz Deguara kien? Le, illum sar Monsinjur. Dun Vinċenz

MG: Cachia. Jew Cachia jew Deguara

DB: Dun Vinċenz. Naf li kien Dun Vinċenz

EM: Cachia

DB: Cachia jista jkun.

**Archives of the Metropolitan Cathedral**
**11, Ange's Palace, Villegaignon Street, Mdina, Malta**
**E-mail: archives@metropolitanchapter.com**
**Tel: [00356] 21 450 303**

MG, EM: Kien l-Isla, Birkirkara

DB: Qalli Dion, kienu qiegħdin jiċċelebraw xi ċentinarju. Li naf li kien hemm wieħed illum miet ukoll, kien wieħed fil-kumitat sekular, kien tal-affari tiegħu kien raġel. U ried wara xi snin ġie għandi d-dar u ma nafx kemm-il elf lir-euros issa biex jerġgħa jagħmel repetizzjoni tiegħu għax tant kemm għoġbu. Imma dan il-Kappillan kien qalli dan l-Oratorju irridu epiku. U jiena għamilt kuraġġ kbir u b'saħħa kbira

MG: M'hawnx rekording tiegħu?

*Vivienne: iva. Naħseb għamilna DVD tiegħu ukoll.*

MG: Napprezzaw jekk ikollna kopja tiegħu.

DB: Ma nafx jekk minħabba li kien hemm Rose Piccinino...

Vivienne: Dik m'għamilniex dakinhar, għamilniha San Ġwann

DB: Ma nafx ma mmerrikx

Vivienne: Għax kienu saru żewġ performances

DB: Imbagħad din Ħarsa ta' Ružann, le le din din, San Nikola, ara jien, Kristu Sultan. Wara kollox Kristu Sultan huwa Kristu Sultan, ir-Re tar-rejiet

EM: Jirbaħ fuq kollox. Illum li qiegħdin fis-sena elfejn erbgħa u għoxrin, meta tħares lura fuq iktar minn erbgħin sena ta' mużika, liema kien l-iktar mument f'din il-karriera li tibqa' tiftakar, u tagħtina l-awgurju tiegħek għall-istudenti u riċerkaturi li jaħdmu f'dal-arkivju.

DB: Ħa ngħidlek, il-mument l-aktar li niftakar huwa, li huwa f' ġismi, f'moħħu huwa li kelli x'naqsam ma' San Ġwann. Għalija bħala Tempju, it-tempju waħdu huwa *gem*, ġawhra kbira kif kienu jgħiduli organisti Taljani u għadhom jgħidulek sal-lum u illum ara kif ġie San Ġwann. Tempju mill-isbaħ, akustika mill-isbaħ. Imbagħad li jiena kont indoqq l-orgni li huwa wieħed mill-isbaħ orgnijiet mhux f'Malta biss naħseb fl-Ewropa imma l-importanza tiegħu hija f'dik l-akustika ta' dan it-Tempju. Dak kien ġie disinjat mill-organista Ingliż Ralph Damps u kien ġie u anke l-kumpanija li bnietu Taljana Machioni minn Milan Guvio Vianesi minn Milan, kienet għamlitu apposta mhux kif ngħidulhom il-*commercial ones* jkun hemm minnhom ħafna lesti u jagħmluhom fil-parroċċa. Dak huwa magħmul, l-akustika tiegħu għal min jaf jisma u jaf jdoqqu, ruħek titqanqal u nieqaf hawn naħseb jien.

MG: Orgni sabiħ iva daqshekk?

DB: Jekk ikollok it-teknika kif tgħallimt jien, l-ispirtu tiegħek jiċċaqlaq. Jekk ma tkunx temmen qed ngħidlek, jiena kont inkun qiegħed ndoqq il-Vespri

MG: Dak l-Ingliżi kienu ħallsuh, għaliex Dion?

**Archives of the Metropolitan Cathedral**
**11, Ange's Palace, Villegaignon Street, Mdina, Malta**
**E-mail: archives@metropolitanchapter.com**
**Tel: [00356] 21 450 303**

DB: Dik l-istorja kien qalieli Patri Bert jien. Dak l-ewwelnett jiswa ħafna flus

MG: Anke għal dak iż-żmien jiġifieri

DB: Xi ħadd ħareġ bl-idea, jew inġenerali kien hemm l-idea, li l-orgni l-antik ma kienx għadu jaqdi is-servizzi kif suppost għax kien antik. U kien meħtieġ li kien jiġi irrestawrat u din kien hemm Malta, skont il-politika, kienet taħt il-Gvernatur Ingliż u ismu qiegħed imminiżżel fuq waħda mill-kaxxi tal-kanen li hu kien strumentali li ta l-flus, ġab il-flus mill-Ingilterra biex jsir l-orgni u nieqaf hawn. Qalgħu l-orgni l-antik, bagħtuh l-Italja u ġabu dak l-orgni l-ġdid meta dak kien mingħalih li l-orgni kien l-antik. U l-isem ta' dak il-Gvernatur illi ġab il-flus mill-Ingilterra qiegħed, jekk tmur fuq il-kaxxa ta' wara l-artal hemm daqshekk fija tar-ramm, hemm ismu.

EM: U l-awgurju tiegħek

MG: L-awgurju tiegħi huwa jeħtieġ li d-Dipartiment tal-Mużika li jien kont strumentali biex jinħoloq u illum tkompla, jkun hemm aktar mużikoloġija u mużikoloġisti ttrejnjati biex jagħmlu riċerka u illum hawn il-kompjuter, il-mezzi tal-kompjuter qed tifhem. Jiena per eżempju meta għamilt ir-*Requiem* ta' Azzopardi u l-*Messa a Due Cori* użajt l-oriġinal imma illum hawn il-kompjuter u jistgħu jagħmlu biċċa xogħol. L-*Arts Council* joħroġ il-finanzi għax dawn biex jagħmlu x-xogħol ta' *editing it's time consuming* u ma jsirx b'xejn. U jtuhom il-flus il-Gvern jew il-Kultura huma min huma biex jsir *editing* ta' dawn ix-xogħlijiet li qiegħdin hawn moħbija, dawn il-ġawhar li hawn hawnhekk. Biex b'hekk jsiru stampati u ppubblikati bħal ma jagħmlu t-Taljani.

MG: Grazzi Dion, kienet tassew intervista interessanti, qsamt magħna l-esperjenzza kollha grazzi tax-xogħol li ddonajt. Grazzi lilek Vivienne. Napprezza l-ġest sabiħ ta' din id-donazzjoni u din il-fond ta' storja li għandek, ta' bijografija interessanti biex tkun ukoll konservata fl-Arkivju u eventwalment anke ppubblikata fuq is-sit.

DB: Grazzi lilkom ukoll u nawguralkom li tkomplu siewi li qed tagħmlu.